MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru 29/2007

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**v.**

**Nader Abdulaziz Elgerian u**
**Hasan Mohamed Ahmed**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-Att ta’ Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fil-25 ta’ Gunju 2007 kontra Nader Abdulaziz Elgerian u Hasan Mohamed Ahmed li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzahom talli (1) l-imsemmi

Nader Abdulaziz Elgerian, recidiv f'delitt, ikkommetta stupru vjolenti aggravat fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan li fl-ezekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed; (2) l-imsemmi Hasan Mohamed Ahmed irrenda ruhu komplici fi stupru vjolenti aggravat, u cioe` talli xjentement ghen jew assista lil Nader Abdulaziz Elgerian jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan li fl-ezekuzzjoni tad-delitt kien gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed; (3) l-imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian, recidiv f'delitt, u l-imsemmi Hasan Mohamed Ahmed, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil xi persuna kontra l-volonta` taghha, jew taw post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, b'dan li d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta' dik il-persuna; (4) l-imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian, recidiv f'delitt, sar hati ta' attentat vjolenti ghall-pudur, b'dan li fl-ezekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed; (5) l-imsemmi Hasan Mohamed Ahmed irrenda ruhu komplici f'attentat vjolenti ghall-pudur, u cioe` xjentement ghen jew assista lil Nader Abdulaziz Elgerian jikkommetti attentat vjolenti ghall-pudur, b'dan li fl-ezekuzzjoni tad-delitt kien gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed; (6) l-imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian, recidiv f'delitt, u l-imsemmi Hasan Mohamed Ahmed talli, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew gabulha disordni f'mohhha, b'dan li l-offizi jitqiesu li huma hfief peress li ma gabu ebda wahda mill-konsegwenzi gravi previsti mil-ligi; (7) fl-14 ta' Mejju tas-sena 2006, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija, gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih unanimament sabu lill-imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian hati skond l-ewwel, it-tielet, ir-raba', is-

sitt u s-seba' kapi ta' l-att ta' akkuza, u li bih unanimament sabu lill-imsemmi Hasan Mohamed Ahmed hati tat-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt kapi ta' l-att ta' akkuza, kif ukoll wara li rat il-verdett ulterjuri li bih il-gurati unanimament sabu lil Nader Abdulaziz Elgerian recidiv kif indikat fl-ewwel, fit-tielet, fir-raba' u fis-sitt kapi ta' l-att ta' akkuza, iddikjarat lil Nader Abdulaziz Elgerian, recidiv, hati talli:

1) fis-sighat bikrin ta' filghodu ta' l-erbatax (14) ta' Mejju, tas-sena elfejn u sitta (2006), fl-inhawi tad-Dragonara Hotel gewwa Paceville, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, u cioe` fuq Sandra Vikstrom, b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed, u dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

2) fis-sighat bikrin ta' filghodu ta' l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-bajja maghrufa bhala Shingles Bay gewwa Paceville, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Sandra Vikstrom kontra l-volonta` taghha, b'dan li d-delitt sar bhala mezz biex Sandra Vikstrom tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

3) fis-sighat bikrin ta' filghodu ta' l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fl-inhawi tad-Dragonara Hotel gewwa Paceville, sar hati ta' attentat vjolenti ghall-pudur fuq Sandra Vikstrom, b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed u dana skond ir-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

4) fis-sighat bikrin ta' filghodu ta' l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-bajja maghrufa bhala Shingles Bay gewwa Paceville, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Sandra Vikstrom f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha jew gabilha dizordni f'mohhha; b'dan li l-offizi jitqiesu li huma hfief peress li ma gabu ebda wahda mill-konsegwenzi

gravi prevvisti mill-ligi u dana skond is-Sitt Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

5) fl-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), ghall-habta tas-sitta u nofs ta’ filghaxija, gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ghamel ingurji jew theddid lil Zakarija Abdisamed Abukar u dana skond is-Seba’ Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza

u ddikjarat lil Hasan Mohamed Ahmed ukoll hati talli:

1) fis-sighat bikrin ta’ filghodu ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fl-inhawi tad-Dragonara Hotel gewwa Paceville, irrenda ruhu komplici fi stupru vjolenti aggravat, u cioe` talli xjentement ghen jew assista lil Nader Abdulaziz Elgerian jikkommetti stupru fuq Sandra Vikstrom; b’dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt huwa ghen lill-istess Nader Abdulaziz Elgerian u dana skond it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

2) fis-sighat bikrin ta’ filghodu ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-bajja maghrufa bhala Shingles Bay gewwa Paceville, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Sandra Vikstrom kontra l-volonta` taghha, b’dan li d-delitt sar bhala mezz biex Sandra Vikstrom tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u dana skond it-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

3) fis-sighat bikrin ta’ filghodu ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fl-inhawi tad-Dragonara Hotel gewwa Paceville, rrenda ruhu komplici f’attentat vjolent ghall-pudur fuq Sandra Vikstrom u cioe` xjentement ghen jew assista lil Nader Abdulaziz Elgerian jikkommetti attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess Sandra Vikstrom, b’dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt ghen lill-imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian u dana skond il-Hames Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

4) fis-sighat bikrin ta’ filghodu ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-bajja maghrufa bhala Shingles Bay gewwa Paceville, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Sandra Vikstrom f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Sandra Vikstrom, jew gabilha dizordni f’mohhha; b’dan li l-offizi jitqiesu li huma hfief peress li ma gabu ebda wahda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-ligi u dana skond is-Sitt Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 42(d), 43, 49, 50, 86, 87(1)(g), 198, 202(d), 207, 214, 215, 221(1), 339(1)(e) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannat lill-appellant Nader Abdulaziz Elgerian ghall-piena ta’ **hmistax-il (15) sena prigunerija** u lill-appellant Hasan Mohamed Ahmed, ghall-piena ta’ **ghaxar (10) snin prigunerija**, b’dan li minn dawn it-termini ta’ prigunerija jrid jitnaqqas iz-zmien kollu li huma qattghu taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma’ dawn l-akkuzi. Inoltre kkundannat lil kull wiehed miz-zewg hatja **jhallsu s-somma ta’ erbat elef, mitejn u sebgha u tletin euro u sitta u disghin centezmi (€4237.96) rapprezentanti nofs tal-ammont intier ta’ tmint elef, erba’ mija u hamsa u sebghin euro u wiehed u disghin centezmi (€8475.91) ta’ l-ispejjez peritali inkorsi f’dan il-process a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f’terminu ta’ prigunerija ulterjuri skond il-ligi**;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedini penali aggornati ta’ l-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminati mid-difiza, u wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati, u senjatament, imma mhux biss, is-segwenti:

“L-abbli difensur Dr. Joe Brincat ghall-hatja ssottometta li l-verdett hu dak li hu pero` l-Qorti kienet semghet il-process kollu. Filwaqt li verament l-hati Elgerian kien recidiv iz-zieda fil-piena minhabba r-recidiva kienet wahda

fakoltativa u mhux mandatorja. Il-hati Ahmed kellu fedina penali netta. Barra minn hekk kien hemm reati li jridu jigu assorbiti f'xulxin ghall-fini tal-piena kemm taht l-artikolu 17(h) kif ukoll minhabba l-konkors ideali jew formali u dan kellu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena.

"L-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara invece ssottometta li forsi qatt ma kien hawn verdett carissimu ta' htija fuq il-kapi kollha tal-Att ta' l-Akkuza mill-verdett unanimu f'din il-kawza. Dan kien kaz fejn zewg tfajliet turisti gew abbuzati miz-zewg hatja, li huma wkoll jinsabu mistidnin f'Malta, billi ghamlu nasba lil dawn it-tfajliet, minflok ma ghenuhom u assistewhom meta raw f'liema stat kienu jinsabu fih.

"Minflok ma dawn iz-zewg turisti li gew f'Malta ghall-vaganza setghu igawdu l-btala taghhom, gew assoggettati ghall-trawma li ma kienx facli jinsew tul hajjithom. Dawn ir-reati zgur li ma jaghmlux reklam tajjeb lil Malta bhala post tat-turizmu ghaliex facilment tista' tigri l-kelma li minhabba f'hekk Malta ma hix pajjiz "*safe"* ghat-turisti. Ghalhekk apparti l-piena ghat-trawma personali li sofrew dawn iz-zewg tfajliet il-piena li ghandha taghti din il-Qorti trid isservi ta' deterrent biex kemm cittadini Maltin kif ukoll persuni ohra li jkunu biss mistidnin f'Malta ma jikkommettux reati simili. Ghalhekk talab li l-piena ghandha tkun wahda vicin il-massimu skond il-ligi.

"Il-Qorti [wara li] qieset dawn is-sottomissjonijiet kollha u kkonsidrat il-gravita` tar-reati kommessi mill-hatja, r-recidiva tal-hati Elgerian li kien diga` instab hati ta' serq aggravat minn fuq persuna ta' nazzjonalita` barranija u tfajla Maltija u talli kien immigrant ipprojbit bi ksur tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-kondotta netta tal-hati Ahmed."

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmijin Nader Abdulaziz Elgerian u Hasan Mohamed Ahmed, ipprezentat fit-23 ta' Ottubru 2008, fejn talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn mhux qed isir appell minn dawk il-kapi ta' l-att ta' akkuza, u tirrevokaha ghall-

kumplament, u fi kwalunkwe kaz tirriformaha dwar il-piena billi taghti wahda li taghmel ghall-kaz;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta’ l-appellanti huma, bazikament, is-segwenti: (1) li gew misjuba hatja hazin fuq il-fatti fir-rigward ta’ l-ewwel sitt Kapi ta’ l-att ta’ akkuza; (2) li l-“fantasija” fir-rakkont tal-fatti fl-att ta’ akkuza hu zball procedurali li jivvjola l-principji bazici tal-*fair trial* u l-principji tal-*level playground* li ghandu jkun hemm bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza; (3) li l-piena hija zbaljata anke legalment peress illi hemm l-unicita` tar-reat ghal dak li jirrigwarda lill-appellant Elgerian fl-Ewwel, it-Tielet u r-Raba’ Kapi u ghal dak li jirrigwarda l-appellant Hasan fit-Tieni, fit-Tielet u fil-Hames Kapi, u fi kwalunkwe kaz il-piena hi gravuza zzejjed.

**7.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. In ezekuzzjoni tal-funzjoni taghha, din il-Qorti ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Magistrat fl-*in genere* u mill-Qorti Istruttorja u d-dokumenti esibiti, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f’dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta’ l-appellanti fir-rigward ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghhom. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b’taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legalment u ragjonevolment, jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad,

din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legalment jew ragjonevolment tasal ghalih.[1]

**8.** Issa, l-appellanti jghidu li gew misjuba hatja hazin fuq kapi ta' l-akkuza li ma kien hemm l-ebda prova dwarhom, principalment fuq l-Ewwel Kap, u konsegwentement fuq dak li hemm fit-Tieni Kap.

L-appellanti jghidu illi Elgerian ammetta mill-ewwel li kellu x'jaqsam mat-tfajla Vikstrom, imma mhux kontra l-volonta` taghha; dan qalu *a tempo vergine* minghajr ebda assistenza legali jew xi parir.

L-appellanti jghidu wkoll li x-xhud okulari Williams tghid li rat lil Elgerian fuq Vikstrom, imma kliemha juri li ma kienx hemm xi kollutazzjoni bejnu u Vikstrom. Rat ragel wiehed biss fuqha. Hasset biss li kellha tiehu hsiebha u twassalha lejn il-lukanda. Fl-ebda mument, jargumentaw l-appellanti, ma bdiet tixgher jew twerzaq ghall-ajjut, ghax indunat li l-habiba taghha kienet qed taghmel dak li kien gost u pjacir taghha. Hija wkoll kienet twarrbet u kien hemm tracci li kienet ghamlet *intercourse* ricenti. Williams tghid li r-ragel li kien maghha ma ghamel xejn li nkwetaha, imma kien ragel iehor li zammha u pprova jkollu x'jaqsam maghha kontra l-volonta` taghha. Mhux minnu, ghalhekk, dak li jinghad fir-rakkont fl-Att ta' Akkuza li z-zewg appellanti kienu mexjin mat-tfajliet u ngannawhom. Fl-ebda mument

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

ma tghid li Elgerian kien qed jistupra lil Vikstrom. Dan l-istupru tallegah kontra rgiel ohra li gew wara.

Skond l-appellanti, ix-xhud okulari Zakarija jghid li Elgerian kien qed jopera ma' Sandra Vikstrom u li kienet qed tiehu pjacir. Huwa qal li ra lill-appellant l-iehor jigbidha mill-polz. Huwa kkonkluda li kienu flimkien imma f'dan huwa kontradett miz-zewg tfajliet. Imma fuq kollox, ikomplu l-appellanti, Sandra Vikstrom stess taghmel differenza bejn iz-zewg fazijiet. Fazi fejn kienet bil-qieghda hdejn dak li mexa maghha, cioe` Elgerian, u meta kienet ftit mitlufa. Qatt ma tghid li kienet stuprata minn Elgerian. Tghid li min stupraha kien bniedem li ma setghetx tara wiccu. Lit-tabib qaltlu li kienu stuprawha tnejn. Qatt ma qalet li min kien mexa maghha kien stupraha. Min stupraha kien mar ghall-gharrieda fuqha u b'aggressjoni. Mhux kif tiddeskrivi lil Elgerian li qaghad bil-qieghda ma' genbha. Ma tghidx li habbatha ma' l-art u qabez fuqha. L-appellanti jsaqsu: Jekk l-anqas il-vittma ma taghmel allegazzjoni bhal din, b'liema dritt wiehed jista' jghid li kien hemm prova ta' stupru minn Elgerian? Barra minn hekk, ikomplu l-appellanti, il-provi l-ohra kollha ma jwasslu mkien biex jistabilixxu li kien hemm nuqqas ta' kunsens da parti ta' Vikstrom fejn jidhol Elgerian fl-ewwel kap ta' l-akkuza. Anke fuq l-aggravanti, Williams stess tghid li Elgerian kien fuq Vikstrom wahdu u Vikstrom ma tghid qatt li Elgerian ghamel maghha meta kien hemm xi hadd izommha.

Dwar it-Tieni Kap imbaghad l-appellanti jsostnu illi l-prosekuzzjoni, bl-idea fattwali zbaljata, akkuzat lill-appellant Hasan bil-komplicita` fl-istupru. La Elgerian ma ghamilx stupru, Hasan ma setax assistieh. Fl-akkuza gie allegat li ghen specifikament lil Elgerian. Dan kien zbaljat bhalma kien zbaljat li kien miexi mieghu u t-tfajliet. Ghalhekk l-appellant Hasan ghandu jigi liberat minn din l-akkuza.

Dwar it-Tielet Kap, l-appellanti jghidu li tenut kont tal-gurisprudenza ta' din il-Qorti li ma tiddisturbax l-apprezzament ta' provi tal-gurati jekk kellhom bizzejjed provi biex isibu htija, tali posizzjoni hi applikabbli ghall-kaz

ta’ Hasan. Hemm tliet xhieda li, b’mod jew iehor, ighidu li Hasan zamm lil Vikstrom. L-izball tal-prosekuzzjoni kien u baqa’ li assumiet mill-bidu li Hasan u l-akkuzat l-iehor kienu mill-bidu sa l-ahhar flimkien, haga michuda mix-xhieda okulari kollha. Ma hemm l-ebda prova li Elgerian zammha, hlief “fl-ampless sesswali”. Vikstrom ma tghidx li Elgerian zammha kontra l-volonta` taghha. Williams ma tghidx li Elgerian zammha u opprimiha b’xi mod li allarmaha u li hasset li ghandha tmur tghin lill-habiba taghha. L-anqas Zakkarija ma jghid li ra lil Elgerian izommha hlief li kien qed jaghmel sess maghha. Dan ma jikkostitwix ir-reat tas-sekwestru tal-persuna.

Dwar ir-Raba’ Kap, l-appellanti jghidu li kieku r-reat kien li Elgerian ghamel atti oxxeni fil-pubbliku kien jigi ammess; anzi kien ammess minnu. Imma r-reat dedott huwa ta’ attentat vjolenti ghall-pudur li jehtieg prova ta’ nuqqas ta’ kunsens da parti ta’ Vikstrom. Vikstrom tghid li ma xtaqitx u qaltlu “stop”, li missha imma ma tafx fejn, imbaghad taghmel *blank*. Wiehed jifhem, jikkummentaw l-appellanti, li kien hemm sens ta’ protezzjoni personali. Hija kienet lesta li tiddenunzja lil min ghamel hwejjeg kontra r-rieda taghha, imma ma riditx tispjega dak li kellha sehem fih bir-rieda taghha. Ghall-istess ragunijiet, ma kien hemm ebda prova li Hasan ta xi ghajnuna f’dan il-fatt. Dak li riedet taghmel Vikstrom ma’ Elgerian kien affari taghha. Certament Elgerian ma kellu bzonn ta’ ebda ghajnuna u ma hemm l-ebda prova li rcieva ghajnuna biex jaghmel attentat vjolent ghall-pudur. L-istorja tal-kap ta’ l-akkuza tghid li Hasan qaghad fuq Vikstrom u b’hekk ghen lil Elgerian inehhilha l-qalziet ta’ taht u jesponiha. Elgerian jghid li ma kellux bzonn ghajnuna bhal din. Vikstrom ma tghidx dan. U l-ebda xhud ma jghid u jikkonferma din l-istorja. Semplicement ma hemm l-ebda prova ta’ nuqqas ta’ kunsens, u allura m’hemmx ir-reat.

Il-Hames Kap jirrigwarda l-komplicita` ta’ Hasan fir-reat tar-Raba’ Kap. Ghall-istess ragunijiet ga` moghtija, l-appellanti jghidu li ma kienx hemm provi kontra Hasan fuq dan il-Kap.

Dwar is-Sitt Kap, l-appellanti jsostnu illi kontra Elgerian ma hemm l-ebda prova filwaqt illi kontra Hasan hemm prova wahda li hu jichad izda din il-Qorti tista’ tghid li l-gurati kellhom bizzejjed fil-konfront ta’ Hasan.

Mis-Seba’ Kap ma hemm ebda appell.

**9.** Din il-Qorti ezaminat b’mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda u d-dokumenti esibiti; ezaminat ukoll l-atti kollha tal-kumpilazzjoni, hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

1. Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konjizzjoni taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` jqisu “l-imgieba, il-kondotta u l-karattru” tax-xhieda, u “tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta’ fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz” (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, ikkonkludew li l-appellanti kienu hatja tal-kapi kollha ta’ l-att ta’ akkuza kif dedotti kontra taghhom rispettivament.

2. Li l-appellant Elgerian kellu kongungiment karnali ma’ Sandra Vikstrom m’hemm edba dubju. Dan jammettieh hu stess fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija.[2] Huwa jsostni illi Vikstrom kienet konsenzjenti.[3] Sandra Vikstrom pero` fix-

---

[2] Dok. RA1 a fol. 198 – 201 ta’ l-atti ta’ l-Istruttorja.

[3] Fl-istqarrija tieghu hemm dawn il-brani:

| | |
|---|---|
| “M. | Riedet hi li jkollha x’taqsam mieghek, jigifieri taghmel is-sess? |
| T. | Ehe. |
| M. | Kif taf? |
| T. | Ma nafx. Ma kelmitnix u ma qaltli xejn. |
| M. | Imbuttatek b’xi mod minn fuqha jew urietek li mhux tiehu pjacir? |
| T. | Le. |
| M. | Taf li ftit qabel ghidtli li inti lanqas ilhaqt ghamilt is-sess minhabba li gew is-suwed u riedu jaghmlu s-sess maghhom? |
| T. | Wara li kont ghamilt is-sess gew is-suwed. |
| M. | Mela nghid sew li inti nezzajt il-hwejjeg tat-tfajla biex dahhalt il-parti tieghek f’taghha? |
| T. | Iva. |

xiehda taghha tinsisti li giet stuprata. Huwa minnu illi ma identifikatx lill-appellant Elgerian bhala l-persuna li stupraha (fil-fatt mill-atti jidher li giet stuprata minn almenu zewg persuni), izda r-rakkont taghha huwa car dwar il-fatt illi ma kinitx konsenzjenti – u dan ghalkemm kienet, kif tammetti hi stess, fis-sakra, bhalma kienet il-habiba taghha Teresia Williams. Vikstrom tghid li meta kienu bilqieghda fuq il-blat, dak li kien hdejha beda jbusha u jmissha, qaltlu jieqaf izda ma waqafx u “suddenly I had a black-out. I didn’t faint but I just remember that there were more men near me. These men I don’t remember that they talked to me, they did not help me or do anything. I remember that one of these men [Hasan] sat on my chest and he held my arms down …. I tried to get loose and I bit … the one on my chest. After I bit him the accused Ahmed punched me on my face and held my mouth down with his hand so that I could not breathe…. I thought that if I lay still he would let me go”. Hija identifikat pozittivament lill-appellant Hasan bhala l-persuna li qaghad fuq sidirha u zammilha idejha sakemm giet stuprata. Minbarra li l-appellant Elgerian stess ikkonferma li kellu kongungiment karnali ma’ Vikstrom, l-identifikazzjoni tieghu bhala l-persuna li kellu tali kongungiment ma’ Vikstrom tirrizulta wkoll mix-xiehda ta’ Abdesamed Abukar Zakarija.

3. Zakarija xehed quddiem l-ewwel Qorti illi ra lil Elgerian u Hasan ma’ Vikstrom. Elgerian nizzel il-qalziet tieghu, ipprova jnehhi l-qalziet lil Vikstrom li bdiet izzommu biex ma thalliehx u bdiet tghajjat “Ma rridx ma rridx”, izda Hasan zammilha idejha. Vikstrom kienet ma’ l-art. Waqt is-seduta saret dimostrazzjoni viziva tal-pozizzjoni li kienu fiha t-tliet persuni involuti. Imbaghad qal li wara li beda jkollu x’jaqsam maghha Elgerian, Hasan nehha idejh u t-tfajla bdiet tkompli ma’ l-iehor minghajr twerzieq u probabbli kienet qed tiehu pjacir ukoll. Kienet qisha qed tkompli mieghu ma taghmel xejn. Naturalment dak li qal

….

M. Ara nghidx sew li l-ebda wahda mit-tfajliet ma riedet li jkollha x’taqsam sesswalment mieghek?

T. Le hi riedet. Morna fejn il-bahar, hi fethitli l-qalziet u bdiet iggerrihuli. Imbaghad kelli s-sess maghha.”

quddiem l-ewwel Qorti li Vikstrom probabbli kienet qed tiehu pjacir tidher li hija biss assunzjoni tieghu izda tikkonferma dak li qalet Vikstrom li ma ccaqilqitx sabiex Hasan jitlaqha. Fil-fatt Zakkarija mbaghad ikkonferma dak li kien xehed fl-Istruttorja li ra lil Vikstrom “tipprova tahrab u ma riditx ikollha x’taqsam ma’ l-imputati izda meta giet mizmuma baqghet ma ticcaqlaqx, fil-hin, fil-mument illi Elgerian kellu x’jaqsam maghha naf li kien hemm persuna ohra li ppruvat izzommilha halqha biex it-tfajla ma tghajjatx, pero` harab.”

4. Fattur iehor li jpoggi liz-zewg appellanti fuq Vikstrom fl-istess hin hu li l-appellant Elgerian stess jikkonferma fl-istqarrija tieghu li lil Vikstrom nezzaghlha hwejjigha biex seta’ “jdahhal il-parti tieghu f’taghha”. U Vikstrom fix-xiehda taghha qalet li filwaqt illi Hasan kien fuq sidirha, l-iehor “took my trousers off, at that point I got raped.”

5. Barra minn hekk ir-rakkont ta’ Williams huwa ghal kollox differenti minn dak li jghidu l-appellanti. Hija ma ssokkorrietx lil Vikstrom mill-ewwel peress illi, kif tixhed hi stess, kien hemm ragel iehor li tefaghha fl-art u pprova jistupraha wkoll izda hija bdiet twerzaq u tissielet mieghu. Mhux, mela, ghax indunat li Vikstrom kienet qed taghmel dak li kien “gost u pjacir taghha li taghmel”, kif qed jippruvaw ighidu l-appellanti.

6. In-nuqqas ta’ kunsens ta’ Vikstrom jirrizulta wkoll mid-diversi offizi li hija garrbet u kif dokumentati fir-relazzjoni ta’ l-espert forensiku Dr. Mario Scerri[4].

7. Huwa rrilevanti jekk kinux iz-zewg appellanti jew le li ltaqghu ma’ dawn iz-zewg tfajliet meta hargu minn Cube f’Paceville. Wiehed minnhom zgur kien l-appellant Elgerian peress illi gie identifikat minn Williams. Fuq il-blat imbaghad tfaccaw irgiel ohra, fosthom l-appellant Hasan li ppartecipa billi zamm lil Vikstrom sabiex haddiehor ikun jista’ jistupraha.

[4] Dok. MS1 a fol. 51 – 116 ta’ l-atti ta’ l-Istruttorja.

8. Ghalhekk l-ewwel ilment li jirrigwarda l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza qieghed jigi respint. Konsegwentement ukoll l-ilmenti li jirrigwardaw it-Tieni, it-Tielet, ir-Raba’ u l-Hames Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza.

9. Dwar is-Sitt Kap hemm provi bizzejjed – mix-xiehda ta’ Vikstrom u korroborata mill-offizi riskontrati mill-espert medikolegali Dr. Mario Scerri – li juru li l-appellant Hasan ikkawza offizi ta’ natura hafifa lil Vikstrom meta kien qieghed izommilha idejha u anke meta taha daqqa fuq wiccha. Fuq Vikstrom imbaghad gew riskontrati ukoll offizi, fosthom fuq daharha, fuq il-minkeb u fuq dirghajha, kompatibbli mal-fatt li kienet fuq daharha qed tipprova tehles mis-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha, offizi li huma rizultat dirett mhux biss ta’ min kien qieghed bilqieghda fuq sidirha izda ta’ min kien qieghed jistupraha. Ghalhekk anke l-ilment dwar dan il-Kap huwa michud.

10. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju qieghed jigi michud fl-intier tieghu.

**10.** Permezz tat-tieni aggravju taghhom l-appellanti qajjmu kwistjoni dwar ir-rakkont tal-fatti li ghamel l-Avukat Generali fil-parti espozittiva tal-Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza. Jghidu li kienet pura immaginazzjoni li Elgerian u Hasan iltaqghu ma’ zewg tfajliet u mxew maghhom. Illi dawk l-irgiel li aggredew lil Vikstrom u lil Williams u anke lil Elgerian kienu kollha hbieb ta’ Elgerian, li spicca mifrug, u fuq dan hemm il-kummenti ta’ l-esperti li raw demm fi kwantita` fuq il-flokk ta’ l-appellant Elgerian. Dawk l-istejjer kienu f’idejn il-gurati, stejjer maghmulin bi hsieb biex jinfluwenzaw lill-gurati. Skond l-appellanti dan hu zball procedurali li m’ghandux ikun permess ghax jivvjola l-principji bazici ta’ *fair trial* u tal-*level playing ground* li ghandu jkun hemm bejn prosekuzzjoni u difiza.

**11.** Dwar jekk l-appellanti iltaqghux huma t-tnejn maz-zewg tfajliet meta dawn hargu minn Cube, din il-Qorti diga` kkummentat li huwa rrilevanti peress illi hemm provi bizzejjed li setghu jitwemmnu mill-gurati li jpogguhom flimkien fil-hin ta’ l-istupru ta’ Vikstrom. Dwar jekk Elgerian u l-persuni l-ohra kinux hbieb jew le, huwa minnu li ma

hemm l-ebda prova diretta. Izda dak li huwa fatt hu li fl-istqarrija tieghu l-appellant Elgerian jallega li meta kien ma’ Vikstrom marru tliet suwed fuqu jghidulu li jridu jaghmlu s-sess mat-tfajliet u wiehed minnhom tah daqqa fuq sidru bil-ponn u ma jallega xejn aktar. Mill-ezami mediku li sarlu minn Dr. Mario Scerri, irrizultawlu tbengila fuq in-naha tal-lemin tal-imnieher kompatibbli ma’ *blunt trauma*, zewg abrazjonijiet linjari u bi dritt xulxin fuq daharu kompatibbli ma’ *scratch marks*. L-ebda spjegazzjoni ma nghatat minnu ghal dawn l-offizi. Dak li jirrizulta zgur hu li Vikstrom xehdet li hija “tried to get loose”. Huwa wkoll ovvju li l-appellant Hasan kellu jzommilha idejha ghax kienet qed tissielet ma’ min ried jistupraha u effettivament stupraha.

**12.** Fl-ahhar mill-ahhar, filwaqt illi l-parti narrativa fl-Att ta’ Akkuza m’ghandhiex tkun bazata fuq fantasija, fl-istess hin u bhalma anke josservaw l-appellanti, il-gurisprudenza kostanti hi li l-Avukat Generali mhuwiex tenut li jipprova kull ma jinghad minnu fil-parti narrativa jew espozittiva ta’ l-Att ta’ Akkuza u l-gurati huma dejjem avzati mill-Imhallef li jippresjedi l-guri li dak li hemm fl-Att ta’ Akkuza ma jikkostitwix prova, u li dak li l-Avukat Generali huwa tenut li jipprova hija l-parti akkuzatorja.

Ghalhekk anke it-tieni aggravju qieghed jigi michud.

**13.** It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellanti jghidu li l-piena hi zbaljata anke legalment. Jghidu li hemm l-unicita` tar-reat ghal dak li jirrigwarda lil Elgerian fl-Ewwel, it-Tielet u r-Raba’ Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza u hemm l-istess unicita` fit-Tieni, fit-Tielet u l-Hames Kapi ghal dak li jirrigwarda Hasan. Isostnu li huwa ghalhekk applikabbli l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Fi kwalunkwe kaz, jghidu l-appellanti, il-piena hi gravuza zzejjed u fil-kaz ta’ Elgerian, anke bir-recidiva, ma kellhiex tasal ghal dak l-ammont ta’ snin.

**14.** Issa, in materja ta’ piena mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

L-ewwel nett jigi osservat illi fil-kaz in ezami huwa evidenti li l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Difatti dik il-Qorti ghamlet referenza specifika ghal dak l-artikolu fis-sentenza taghha meta elenkat l-artikoli tal-ligi applikabbli ghall-kaz.

Imbaghad il-piena applikabbli ghar-reat taht l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza (stupru vjolent) kif ukoll taht it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza (komplicita` fi stupru vjolent) hija ta’ prigunerija minn tliet snin sa disa’ snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha. Minhabba l-applikabilita` ta’ l-artikolu 202(d) tal-Kap. 9 (cirkostanzi aggravanti), dik il-piena tizdied bi grad. Mela l-piena titla’ ghal prigunerija minn erba’ snin sa tnax-il sena. Fil-kaz ta’ l-appellant Elgerian, huwa nstab hati wkoll li huwa recidiv u b’hekk il-piena tista’ tizdied bi grad skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9 ghal prigunerija minn hames snin sa ghoxrin sena. Dan ifisser li l-piena kemm fir-rigward ta’ l-appellant Elgerian kif ukoll dik fir-rigward ta’ Hasan taqa’ fil-parametri tal-ligi. U frankament din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza, ma ssib l-ebda raguni biex tvarja l-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

**15.** L-ahhar aggravju jirrigwarda l-ispejjez peritali. L-appellanti jghidu li m’ghandhomx ibatu spejjez ta’ perizji li ma gewx utilizzati fil-process taghhom quddiem il-Qrati, bhalma kienu l-ispejjez ta’ l-espert tekniku legali Juliana Scerri Ferrante. Din il-Qorti taqbel biss in kwantu jirrigwarda r-rapport ta’ l-imsemmija Juliana Scerri Ferrante peress illi mill-verbal ta’ l-20 ta’ Ottubru 2008 jirrizulta illi l-ewwel Qorti ordnat li x-xiehda taghha tkun limitata ghall-konferma li fl-inkjesta hadet ix-xiehda bil-gurament ta’ Sandra Vikstrom, Anny Teresia Williams u Zakkarija Abukar. Inoltre dik il-Qorti cahdet it-talba tal-prosekuzzjoni biex tinqara x-xiehda li taw l-imsemmijin Vikstrom u Williams fl-inkjesta. Mill-process verbal jirrizulta li l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante giet nominata “sabiex bhala perit legali tikkonstata l-fatti b’kull mezz li jidhrilha xieraq u tirrelata bil-miktub dwar ir-rizultanzi taghha”. Skond it-tielet *proviso* ta’ l-artikolu 548 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, pero` **“bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 552(2), ebda espert ma**

**ghandu jinhatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xiehda taghhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti."** Mir-rapport ta' l-imsemmija perit legali fil-fatt jirrizulta li hija semghet ix-xiehda u stabbilixxiet il-fatti. Jigifieri n-nomina saret kontra dak li jiddisponi l-imsemmi *proviso*. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi milqugh.

**16.** Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha biss in kwantu kkundannat lill-appellanti jhallsu kull wiehed minnhom is-somma ta' erbat elef, mitejn u sebgha u tletin euro u sitta u disghin centezmi (€4237.96) rapprezentanti nofs tal-ammont intier ta' tmint elef, erba' mija u hamsa u sebghin euro u wiehed u disghin centezmi (€8475.91) ta' l-ispejjez peritali inkorsi f'dan il-process a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u <u>minflok</u> tikkundannahom ihallsu <u>kull wiehed minnhom</u> is-somma ta' erbat elef u hamsa u tletin euro u tlieta u disghin centezmi (€4035.93) rapprezentanti nofs tal-ammont intier ta' tmint elef u wiehed u sebghin euro u sitta u tmenin centezmi (€8071.86) ta' l-ispejjez peritali inkorsi f'dan il-process a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u <u>tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, cioe` fejn instabet il-htija kif ukoll fejn Nader Abdulaziz Elgerian gie kkundannat hmistax-il sena prigunerija u Hasan Mohamed Ahmed gie kkundannat ghaxar snin prigunerija</u> (bit-tnaqqis tal-arrest preventiv kif indikat fis-sentenza appellata); u b'dan ukoll illi z-zmien ta' hmistax-il jum ghall-hlas tal-ispejjez imsemmija jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------